MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 496/2003

***Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghha Borg Cardona & Co. Limited
abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni u tal-ligi***

***vs***

***MD Trucking Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Marzu, 2003, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici nomine et. s-somma ta' hames mija u tmienja u erbghin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm548.83) rappresentanti hsarat fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata tas-socjeta' attrici u ghall-ispejjez tas-survey relattiv, waqt illi

dawn kienu fil-kura w il-kustodja tal-konvenuta, liema konsenja waslet Malta fuq il-bastiment MV Zebbug fil-5 ta' April 2002, liema danni thallsu mis-socjeta' attrici ai termini tal-polza relattiva.

Bl-ispejjez u bl-imghax mill-20 ta' Dicembru 2002 kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-avukat Dr. Lennart Depasquale ghan-nom tas-socjeta' attrici nomine et., li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti mmarkati kollha bhala Dokument XX1, fosthom is-*subrogation form* u xi ritratti tal-hsarat.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici nomine et. s-somma ta' hames mija u tmienja u erbghin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm548.83), bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Dicembru 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------